# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgha 7 ta' Dicembru, 2022**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 39/2016 ISB**

**Martha Tesfaye Wekede Cherkos (ID 9000124A) (Immigration Police No. 12 W-023)**

**Vs**

**Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni in rappreżentanza tas-Servizzi ta' Detenzjoni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Martha Tesfaye Wekede Cherkos**, li permezz tiegħu, talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq tad-disposizzjoni:*

*(1) ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319, l-Ewwel Skeda);*
*(2) ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319, l-Ewwel Skeda);*
*(3) ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319, l-Ewwel Skeda);*

U dan wara illi ppremettiet:

1. *Illi r-rikorrenti daħlet f'Malta fil-31 ta' Awwissu 2012 u applikat għal status ta' refuġjat u ġiet imqegħda f'Ċentru ta' Detenzjoni magħluq ma' immigranti irregolari oħra, u ċioe' ġewwa Lyster Barracks f'Ħal Far.*

2. *Illi fit-30 ta' Novembru 2012, waqt li hija kienet qiegħda tinżamm detenuta ġewwa Lyster Barracks f'Ħal Far taħt kustodja sigura bħala immigrant irregolari fiċ-ċentru ta' detenzjoni magħluq, seħħ inċident li fih hija ġiet milquta b'oħħett iebes f'għajnha u ntilfet minn sensiha.*

3. *Illi hija ġiet meħuda l-Isptar Mater Dei għall-kura.*

4. *Illi l-inċident jingħad li seħħ meta persuna mhux magħrufa tefgħet oġġett iebes mill-area komuni ġewwa Lyster Barracks li suppost kienu mgħassa u sorveljati.*

5. *Illi peress li r-rikorrenti kienet qed tinżamm ġo post ta' detenzjoni, il-Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni kellu l-obbligu li jassigura l-inkolumita' tagħha u jipprovdi s-sorveljanza neċessarja.*

6. *Illi r-rikorrenti spiċċat biex għamiet għal kollox minn għajnha x-xellugia b'riżultat tal-ħsata li saritilha fl-għajn.*

7. *Illi l-intimat Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni, li huwa responsabbli għaċ-ċentri ta' detenzjoni f'pajjiżna skont Leġislazzjoni Sussidjara 260.06, naqas li jirraporta l-inċident lill-Maġistrat tal-Għassa sabiex tinfetaħ Inkjesta Maġisterjali.*

8. *Illi kemm il-Pulizija kif ukoll il-Forzi Armati ta' Malta ċaħdu li r-rikorrenti kienet fil-kontroll jew taħt ir-responsabbilita' tagħhom meta seħħ l-inċident, u b'hekk l-Istat naqas li jirrikonixxi li xi ħadd fil-pajjiż kien responsabbli għaliha.*

9. *Illi r-rikorrenti sofriet vjolazzjoni ta' l-Artikoli 3.5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319) in kwantu hija sofriet ħsara serja f'għajnha waqt li kienet qed tinżamm f'pst ta' detenzjoni taħt kustodja sigura u sorveljanza (f'sitwazzjoni ta' vulnerabilita'), jiġiefiri, f'ċirkostanzi fejn l-istat għandu obbligu li jipprovdi ħarsien effettiv minn kull xorta ta' ħsara, anke jekk tkun ġejja minn terzi.*

10. *Illi r-rikorrenti sofriet vjolazzjoni separata ta' l-Artikoli 3.5 u 8 tal-Konvenzjoni in kwantu l-intimat l-Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni naqas*

*li jinforma lill-Pulizija u lill-Maġistrat tal-Għassa sabiex issir Inkjesta Maġisterjali.*

11. *Illi r-rikorrenti tħalliet mingħajr kumpens xieraq għat-telf ta' għajnha x-xellugija u għall-konsegwenzi kollha sofriet u għadha ssofri, inkluż kumpens għad-diżabilita' permanenti li hija ġarrbet konsistenti fit-telfien tad-dawl ta' għajnha x-xellugija għal kollox, kif ukoll għad-danni morali minħabba t-tbatija għal għomorha. B'hekk ir-rikorrenti sofriet trattament inuma jew degradenti waqt id-detenzjoni u/jew vjolazzjoni tad-dritt għall-integrita' fiżika, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 3,5 u 8 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxu ħarsien minn trattament inuman jew degradanti, id-dritt għall-ħajja privata u l-integrita' fiżika, kif ukoll il-protezzjoni tal-liġi f'ċirkostanzi ta' detenzjoni.*

12. *Illi l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja jiggarantixxi l-ħarsien tad-drittijiet u libertajiet imsemmija fil-Konvenzjoni lil kull persuna ("everyone") fil-ġurisdizzjoni ta' kull wieħed mill-High Contracting Parties, u għalhekk 'multo magis' fil-każ ta' persuna miżmuma f'kustodja sigura u taħt sorveljanza (u għalhekk f'sitwazzjoni ta' vulnerabilita'), li sofriet ħsara serja b'riżultat ta' azzjoni minn terzi, liema azzjoni ma kellhiex titħalla sseħħ.*

Rat id-dokumenti esebiti mar-Rikors promotur (fol 4 sa 5);

Rat id-digriet tagħha diversament preseduta li permezz tiegħu il-kawża ġiet appuntata għall-14 ta' Ġunju 2016 fid-9:00a.m.

Rat ir-**Risposta** tal-**Kap tas-Servizz ta' Detenzjoni in rappreżentanza tas-Servizzi ta' Detenzjoni** intavolata fil-31 ta' Mejju 2016 (fol 10) li permezz tagħha eċċeppixxa:

***(I)*** *Illi in linea preliminari, l-esponent jirroleva li fiċ-ċirkostanzi odjerni r-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji disponibbli għaliha skont il-liġi konsistenti f'azzjoni għd-danni jekk dehrilha li l-esponent kien responsabbli b'xi mod għall-akkudat tat-30 ta' Novembru, 2012 u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors odjern u dan ai termini tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

***(II)*** *Illi in linea preliminari ukoll, in kwantu l-azzjoni odjerna hija waħda għall-ħlas ta' kumpens għall-allegati danni sofferti mir-rikorrenti, jidher li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;*

***(III)*** *Illi in linea preliminari ukoll, l-esponent mhux responsabbli għall-akkadut u għalhekk l-esponent ma jirrispondiex għat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur stante li l-allegazzjonijiet in kwistjoni mhumiex ir-riżultat ta' xi nuqqas da parte tal-esponenti;*

***(IV)*** *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur fejn ir-rikorrenti qed tipprova tpinġi ċirkostanzi ferm diversi minn kif svolġew fir-realta, huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ċ-ċirkostanzi odjerni ma jirrapreżentaw l-ebda ksur da parte tal-intimat ai termini tal-Artikolu 3,5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja da parte tal-intimat, u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xuxlin:*

*(i) Illi l-esponent intimat jopponi t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors odjern fil-konfront tiegħu bħala insostenibbli stante li l-Uffiċċjali konċernati kif ukoll l-Uffiċċjali tal-Pulizija li kienu involuti fil-każ odjern, taw l-assistenza kollha neċessarja lir-rikorrenti u dejjem aġixxew fil-parametri tal-liġi. Illi fil-fatt uniku r-rikorrenti kienet qed tirrisjedi fiċ-Ċentru fejn ġara l-akkudat, bħal del resto kull immigrant ieħor li jirrisjedi fl-istess Ċentru; bl-ebda mod ma jsegwi awtomatikament li r-rikorrenti ġiet soġġettata għal xi trattament inuman u degredanti da parte tal-intimat. Illi effettivament l-awtoritajiet tal-imsemmija Ċentru dejjem ottemperaw ruħhom mal-liġi fil-konfront tal-immigranti kollha li kienu residenti fl-istess Ċentru. Illi l-fatt li r-rikorrenti weġġħat waqt li kienet residenti fl-imsemmi Ċentru, bl-ebda mod ma jfisser li l-awtoritajiet tal-Faċilita ittratawha b'xi mod inuman u/jew degredenti;*

*(ii) Illi in lwantu għall-allegazzjoni dwar il-ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ċioe' d-dritt protett li wieħed ma jkun assoġġetat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degredanti, l-esponent jirrileva li fl-ewwel lok iċ-ċirkostanzi kif dedotti fir-Rikors ma jippreżentaw l-ebda apparenza ta' tortura jew ta' trattament inuman jew degradanti fil-konfront tar-rikorrenti; apparti l-fatt li m'hu xejn ċar minn fejn allegatament jirriżulta l-ksur tad-dritt fundamentali ai termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

*(iii) Illi l-esponenti jissottometti li minn kif svolġew realment iċ-ċirkostanzi tal-każ, jirriżulta li r-rikorrenti addirittura bidlet diversi verżjonijiet ta' kif allegatament ġara l-akkadut fejn jidher li bid-dovut rispett, li r-rikorrenti qed tużahom a vantaġġ tagħha sabiex l-esponent jiġi kundannat responsabbli ta' inċident sfortunat li ċertament ma ġarax minħabba xi nuqqas da parte tal-intimat;*

*(iv) Illi l-esponent intimar jirribatti li mhux responsabbli għal xi danni kif allegatament sofferti mir-rikorrenti u fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti trid tipprova n-ness bejn id-danni li allegatament sofriet u xi aġir tal-intimat li mhux skont il-liġi;*

*(v) Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea li għalih għamlet referenza r-rikorrenti fir-Rikors Promotur, fis-sens li ġie leż id-dritt tagħha ai termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa ukoll manifestament infondat u l-esponent jirribatti li l-fatti kif allegati fir-Rikors Promotur ċertament ma jinkwadrawx f'dak li l-istess Artikolu 5 qed jissalvagwardja. Fil-fatt, l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi elenku ta' eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali li ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-libertà tiegħu, b'dan li fiċ-ċirkostanzi odjerni għandu jirriżulta li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt tal-imsemmi Artikolu kif allegat mir-rikorrenti;*

*(vi) Illi inoltre fir-rigward tal-allegat ksur ai termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-konfront tar-rikorrenti, l-esponent jirribatti li ċ-ċirkostanzi tal-każ odjerni lanqas ma jirrappreżentaw ksur tad-dritt għall-privatezza u l-ħajja familjari tar-rikorrenti, stante li l-fattispjeċe tal-każ jaqgħu perfettament fl-ambitu tat-tieni paragrafu tal-imsemmi Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

*(vii) Illi għalhekk kwalunkwe allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 3,5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, huma kollha manifestament infondati. Għandu jingħad li, filwaqt li huwa d-dmir tal-intimat li jipprovdi Ċentru għall-immigranti u li jipprovdi għall-esiġenzi tal-istess immigranti li jkunu qed jirrisjedu ġo fih, sakemm jistennew l-eżitu tal-applikazzjoni tagħhom dwar l-ażil, dan ma jsegwix awtomatikament li l-esponent huwa responsabbli għal kwalunkwe akkadut sfortunat li iweġġgħa fih immigrant li jirrisjedi fl-istess Ċentru. Għalhekk, il-qadi tad-dmirjiet tal-Uffiċċjali konċernati li kienu involuti f'xi mod u/jew li assistew lir-rikorrenti fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn għandu jirriżulta ċar li kollha aġixxew fil-parametri tal-liġi, ma jista' qatt iwassal għall-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, a kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat;*

*(viii) Illi għar-raġunijiet fuq esposti, fi kwalunkwe każ, fiċ-ċirkostanzi pdjerni t-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur mhix attribwibbli għal xi nuqqa da parte tal-esponent li għaldaqstant m'għandux b'xi mod jiġi misjub responsabbli għall-akkadut tat-30 ta' Novembru, 2012 u/jew soġġett sabiex iħallas xi allegati danni peress li l-intimat bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-akkudat li jirriżulta li kien inċident sfortunat. Madankollu, dato ma non concessa li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur, fiċ-ċirkostanzi odjerni fl-umli fehma tal-esponent dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti;*

*(ix) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq suesposti, l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ċ-ċirkostanzi odjerni ma jirrappreżentaw l-ebda ksur da parte tal-intimat ai termini tal-Artikoli 3,5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja da parte tal-intimat; bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;*

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2016 xehdu **Lawrence Bugeja** bħala rappreżentant tal-Isptar Mater Dei u ppreżenta dokument (Dok MD1, fol 31 sa 65) u **s-Surġent Clinton Caruana** mill-Forzi Armati ta' Malta, lkoll prodotti mir-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2016 xehdu **PS 122 Arther Borg** li ppreżenta dokument (Dok AB1, fol 74 sa 81)**, il-Logo Tenent Kurunell Avukat Dr Susann Agius**, l-**Maġġur tal-Pulizija 645 Gerald Attard** li ppreżenta dokument (Dok GA1, fol 88 sa 90) u **Carol Fabri**, lkoll prodotti mir-rikorrenti

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2017 xehed l-**Oftalmologu Dr Mario Vella**, prodott mir-rikorrenti**.** Rat ukoll li d-difensur tar-rikorrenti irrileva li minn eżami tal-kopja tal-file mediku li ġie ppreżentat mix-xhud rapprezentant ta' Mater Dei Hospital jirrizulta illi kien fih rapport nieqes u ppreżenta d-dokument li kien fil-pussess tiegħu (Dok TA1, fol 114).

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2017 xehed il-**Kurunell Mario Schembri**, prodott mir-rikorrenti.

Rat in-nota tal-Kap tas-Servizz ta' Detenzjoni in rappreżentanza tas-Servizz ta' Detenzjoni intavolata fid-9 ta' Marzu 2017 (fol 136) li permezz tagħha ppreżenta dokument (Dok MS 1-7, fol 137 sa fol 143).

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Marzu 2017 xehed **Carl Wilson,** prodott mir-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2017 xehed it-**Tabib Kirurgu Franco Mercieca**, prodott mir-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2017 xehed **Joseph Grech**, prodott mir-rikorrenti. Rat ukoll id-digriet tagħha fejn innominat bħala tradittur mill-ilsien Amharic, il-lingwa uffiċjali tal-Ethiopia, għall-Ingliż u/jew il-Malti lil **Samrawit Zechrias Festation** għall-iskop li jkun preżenti meta tkun se tiddeponi *viva voce* r-rikorrenti sabiex jittraduċi d-depożizzjoni tagħha.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2017, xehdet ir-rikorrenti **Tesfaya Wekede Cherkos** bl-ilsien Amharic, tradott għall-Ingliż mit-tradittur mqabbad **Samrawit Zechrias Festation**. Rat ukoll id-digriet tagħha fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti li jsir aċċess mill-Qorti fuq il-post tal-inċident u ordnat li tkun assistita mill-**Perit Mario Cassar** fil-każ li jkun hemm bżonn li jittieħed kejl, ritratti u anke pjanti.

Rat illi l-udjenza tas-16 ta' Jannar 2018 kienet tikkonsisti f'aċċess mill-Qorti ġewwa Lyster Barracks, Ħal Far fejn seħħ l-inċident mertu tal-kawża.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2018, il-**Perit Mario Cassar** ippreżenta relazzjoni (fol 412 et seq) kontenenti verbal tekniku tal-aċċess, ritratti u żewġ pjanti u xehed dwar l-istess.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2018, il-Qorti stiednet lir-rikorrenti sabiex "*taghmel il-provi taghha ta' kif l-allegata vjolazzjoni lamentata mir-rikorrenti kkagunat danni pekunjarji jew mhux pekunjarji lir-rikorrenti*".

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2018 xehdet ir-rikorrenti minn jedda.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2018 xehed il-**Perit Mario Cassar** prodott mill-intimat sabiex iwieged ghad-domandi in eskussjoni.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti intavolat fit-22 ta' Frar 2018 (fol 445) li permezz tiegħu talbet in-nomina "*ta' espert mediku speċjalista fl-oftalmoloġija sabiex jistabilixxi r-rata ta' debilita` li minnha qed tbagħti r-rikorrenti, kif ukoll biex jirrelata dwar l-aspett tal-pain and suffering li jkun jikkomprendi t-tbatija (a) fiż-żmien meta ġiet operata, (b) fl-eta tal-ħajja lavorattiva tagħha u (c) minn issa 'l quddiem, inkluża d-dipendenza tagħha fuq persuna oħra f'diversi aspetti tal-ħajja"* u rat id-digriet tagħha (kif diversament preseduta) tas-27 ta' Frar 2018 (fol 449).

Rat ir-rikors tar-rikorrenti intavolat fl-10 t'Awwissu 2018 (fol 453) fejn talbet in-nomina ta' "*espert mediku sabiex jeżamina lir-rikorrenti u jirrelata dwar il-ħsara konsistenti fir-rottura tal-ħabba tal-għajn kif ukoll frattura tal-għadma sottostanti, bil-konsegwenti telf tal-vista tal-għajn tar-rikorrenti u l-uġigħ, turbament u l-ansjeta` li kellha ġġarrab b'riżultat ta' dan l-inċident"* u rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Awwissu 2018 (fol 455).

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2018, id-difensur tal-intimat tratta r-rikors intavolat mir-rikorrenti fl-10 t'Awwissu 2018 u allokat ħmistax -il ġurnata sabiex l-istess difensur jippreżenta risposta bil-miktub.

Rat ir-risposta tal-intimat intavolata fis-6 ta' Diċembru 2018 (fol 458).

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2019, id-difensur tar-rikorrenti iddikjara li filwaqt li jżomm ferma t-talba tiegħu għal ħlas ta' danni morali mhuwiex qed jinsisti għal ħatra ta' espert biex jeżamina l-kwistjoni tat-trawma medika u rat ukoll li d-difensuri tal-partijiet ttrattaw ir-rikors fuq imsemmi.

Rat id-digriet kamerali tagħha (kif diversament preseduta) tal-11 ta' Jannar 2019 (fol 459) li permezz tiegħu laqgħet limitatament it-talba tar-rikorrenti għall-ħatra ta' espert mediku safejn din tirrigwarda l-allegata ħsara permanenti fl-għajn tar-rikorrenti kaġun tal-inċident mertu tal-kawża.

Rat id-digriet kamerali tagħha (kif diversament preseduta) tat-18 ta' Marzu 2019 (fol 467) li permezz tiegħu ħatret lit-**Tabib Kirurgu Oftalmologu Mario Vella** bħala espert mediku sabiex, wara li jagħmel eżami kliniku tar-rikorrenti, wara li jispezzjona l-*medical history file* tagħha li jinsab l-Isptar Mater Dei, u jistħarreġ kull tagħrif ieħor li jeħtieg, jistabilixxi jekk, kaġun tal-inċident mertu ta' din il-kawża, ir-rikorrenti ġarrbitx ħsara permanenti fl-għajn u f'każ li jsib ħsara permanenti jindika r-rata ta' debilita' permanenti li ġarrbet fil-persuna tagħha.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Lulju 2019 l-Espert Mediku t-**Tabib Kirurgu Oftalmologu Mario Vella** ppreżenta r-relazzjoni tiegħu (fol 481 et seq).

Rat ir-rikors tar-rikorrenti intavolat fis-7 ta' Novembru 2019 (fol 484) li permezz tiegħu talbet in-nomina ta' "*Konsulent Psikjatra bħala espert ġudizzjarju sabiex jirrelata dwar l-effetti devastanti li dan l-inċident kellu fuqha u jevalwa l-perċentwali ta' diżabilita għall-imsemmija psychiatric injury permanenti"* u rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru 2019 (fol 485).

Rat ir-risposta tal-intimat għall-imsemmi rikors intavolata fl-20 ta' Novembru 2019 (fol 488).

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2019 xehed l-Espert Mediku t-**Tabib Kirurgu Oftalmologu Mario Vella** prodott in eskussjoni mir-rikorrenti u ppreżenta dokument (Dok MV1 fol 499). Rat ukoll illi xehdet ir-rikorrenti b'referenza għar-rikors intavolat minnha fis-7 ta' Novembru 2019. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li m'għandux aktar provi xi jressaq għall-patroċinata tiegħu.

Rat ukoll id-digriet tagħha fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2019 fejn ċaħdet it-talba tar-rikorrenti stante li huwa "*mill-aktar evidenti mid-deposizzjoni tar-rikorrenti illi l-inċident in kwistjoni ma kkaġunax psychiatric injury lir-rikorrenti u għalhekk ma tarax il-ħtieġa li tinnomina konsulent psikjatra*".

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Jannar 2021 xehdet **Carol Fabri** prodotta mill-intimat.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju 2021 id-difensur tal-intimat iddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq għall-patroċinat tiegħu.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2022 regghet xehdet **Carol Fabri** prodotta mir-rikorrenti u sar il-kontro-ezami taghha.

Rat illi f'din l-istess seduta, saret id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi xi jressqu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet estensivi intavolati mill-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Settembru 2022, il-partijiet qablu li l-kawża kellha tiġi differita għal-lum għas-sentenza.

## Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi fix-xhieda tiegħu **Lawrence Bugeja bħala rappreżentant tal-Isptar Mater Dei** jgħid li hu jokkupa l-kariga ta' *Relations Officer*. Hu ppreżenta kopja tal-file Mediku tar-rikorrenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-kontenut tiegħu. Jgħid li t-tabib inkarigat mir-rikorrenti kien il-Konsulent Dr Mario Vella, oftalmologu. Jgħid li jirriżultalu mill-file li r-rikorrenti daħlet l-isptar fit-30 ta' Novembru 2012.

Illi fix-xhieda tiegħu, is-**Surġent Clinton Caruana bħala rappreżentant tal-Forzi Armati ta' Malta,** ippreżenta kopja ta' ittra li l-AFM irċeviet mingħand Dr Tonio Azzopardi fl-24 ta' Marzu 2014 u r-risposta għall-istess ittra datata 15 ta' April 2014, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom. Jispjega li fit-18 t'Awwissu 2005 kien ġie ffurmat s-Servizz ta' Detenzjoni bħala entita` separata li kienet twieġeb direttament lill-Ministeru. Jispjega li għalkemm hemm suldati u anke pulizija jaħdmu ma' din l-entita`, dawn huma *seconded* magħha pero` qatt ma kienet u lanqas illum ma tagħmel parti mill-AFM.

Jgħid li l-idea kienet li s-suldati u l-pulizija maż-żmien jinbidlu għan-nies rekrultati apposta. Jispjega li ċ-ċentru in kwistjoni kien dak ta' Ħal Far li jikkonsisti f'barracks tal-militar. Jgħid li ma dawn il-barracks issir l-għassa wara l-ħin tax-xogħol. Jispjega li matul il-ħin tax-xogħol ikun hemm in-nies tax-xogħol u għalhekk ma ssirx għassa. Jgħid li l-għassa mill-AFM hija s-sigurta` tal-barracks u mhux taċ-ċentru tad-detenzjoni għax dik jieħdu ħsiebha n-nies li jaqgħu taħt iċ-ċentru tad-detenzjoni.

Jispjega li maċ-ċentru tad-detenzjoni propja l-għassa dejjem issir f'kull ħin u f'kull ġurnata min-nies tad-*Detention Service*. Mistoqsi dwar x'sorveljanza jkun hemm meta persuna tiġi biex tidħol fil-barracks, huwa jispjega li l-*gate* prinċipali taqa' taħt il-Forzi Armati iżda meta xi ħadd irid jidħol fiċ-ċentru ta' detenzjoni xorta jsiru l-kontrolli neċessarji mill-AFM minħabba li l-persuna tkun dieħla fil-propjeta tal-AFM bħala dettalji tal-ID Card u jkun hemm listi ta' min għandu permess jidħol, imbagħad jiġi eskortat sas-Servizz ta' Detenzjoni u l-AFM ma tinvolvhiex ruħha aktar. Mistoqsi dwar jekk jafx isirux partols madwar iċ-Ċentru ta' Detenzjoni jgħid li ma jafx kif jaħdmu s-Servizz ta' Detenzjoni. Mistoqsi dwar jekk jafx dwar l-inċident mertu tal-kawża partikolari jgħid li s-Servizz ta' Detenzjoni ma jagħmilx parti mill-AFM la bħala kontroll u lanqas bħala responsabbilita.

Fix-xhieda tiegħu **PS 122 Arthur Borg** jgħid li hu stazzjonat il-*Police Headquarters* fis-sezzjoni tal-forensika. Ix-xhud ippreżenta faxxiklu ta' tmien ritratti meħudin ġewwa l-Barracks ta' Ħal Far tas-sena 2012, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu. Mistoqsi jekk ħax ritratti tal-persuna midruba, jgħid li le għax ma ngħatax struzzjonijiet jagħmel dan mingħand l-uffiċjal tiegħu Carol Fabri.

Fix-xhieda tagħha l-**Logo Tenent Kurunell Avukat Dr Susann Agius** tgħid li ċ-ċentru ta' detenzjoni ma jagħmlux parti mill-AFM, la huma fir-responsabilita` u lanqas fil-kontroll tal-Forzi Armati. Tgħid li Gunner Demajo 86125 u Bombardier Grech 85834 għal perjodu meta seħħ l-inċident kienu qed iservu fi ħdan id-*detention services*.

Fix-xhieda tiegħu, il-**Maġġur tal-Pulizija 645 Gerald Attard** ippreżenta rapport tal-inċident, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu. Jgħid li dak iż-żmien hu kien stazzjonat l-għassa ta' Birżebbuġa u dak iż-żmien kien surġent. Jgħid li l-Bombardier 85834 għamel rapport bit-telefon. Jgħid li r-rapport wasal għal ħabta tas-sebgħa u għaxra

ta' fl-għaxija u l-Bombardier kien qallu li għal ħabta tat-tlieta kien sab mara mitluqa mal-art u qaltlu li waqgħet u weġġgħet rasha.

Fix-xhieda tagħha **Carol Fabri** tgħid li hi kienet tokkupa l-kariga ta' Spettur tal-Pulizija bejn l-2011 u l-2016. Meta seħħ l-inċident in kwistjoni kienet stazzjonata l-għassa ta' Birżebbuġa u dakinhar kienet qiegħda l-Għassa. Tgħid li ġiet infurmata bl-inċident għal ħabta tas-sebgħa ta' fl-għaxija (19:00) tat-30 ta' Novembru 2012 u kienet rat lir-rikorrenti l-Isptar. Tgħid li l-informazzjoni li waslitilha kienet li nstabet mara mal-art ġewwa Lister Barracks f'Ħal Far, fejn kien hemm *closed centre* tan-nisa. Tispjega li biex tidħol ġewwa ċ-ċentru tilqgħek l-armata u għalhekk biex daħlet riedet tiġi eskortata mill-armata u mbagħad la darba daħlet fiċ-ċentru, tkun skortata mid-*detention officers*.

Tispjega li s-Surġent kien ħadem fuq ir-rapport u hi marret l-Isptar biex tara s-sitwazzjoni tar-rikorrenti. Tgħid li meta waslet l-isptar ir-rikorrenti kienet akkumpanjata minn mara oħra li dak il-ħin għamlita ta' interpretu. Tispjega li l-każ kien seħħ għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00) u huma kienu ġew infurmati erba' (4) sigħat wara. Tgħid li meta staqsiet lir-rikorrenti x'ġara l-ewwel qalet li waqgħet u mbagħad qalet li xi ħadd waddbilha ġebla minn barra u semmiet l-isem Mickey. Tispjega li hi tkellmet mat-tabib biex tara l-gravita` tal-każ. Tispjega li nfurmat ukoll lil Maġistrat tal-Għassa u spjegat lill-istess Maġistrat li r-rikorrenti kienet tat żewġ verżjonijiet u li f'waħda minnhom kienet qed tgħid li hemm kalzetta b'ġebla fiha u b'card tat-telefon iżda l-Bumbardier ma kien sab xejn.

Mistoqsija dwar l-identita` ta' Mickey, tgħid li dan huwa ċittadin ta' kulur li r-rikorrenti kienet iltqagħet miegħu l-Libya. Tispjega li r-rikorrenti kienet ċemplet lil Mickey dakinhar għax kellha bżonn card tat-telefon. Tgħid li s-surġent kien sab lil Mickey ġewwa l-*open centre* tal-Marsa u qal li hu ma marx Ħal Far dakinhar iżda meta sema' li weġġgħet kien mar jara lir-rikorrenti l-isptar. Tispjega li lil Mickey sabuh wara u kellmuh iżda qal li ma kienx fuq il-post dakinhar. Tgħid li l-għada telgħu huma fuq il-post u ppruvaw jsibu l-kalzetta u l-ġebla li kienu ssemmew iżda ma sabu xejn u lanqas ma sabu xi twieqi jew perspex imkisser. Tgħid li ħadu wkoll ir-ritratti tal-post. Tgħid li staqsew lil xi nisa li kienu jgħixu fl-istess post dwar l-inċident iżda ħadd ma kien ra jew sema' xejn.

Tispjega li lir-rikorrenti reġgħet kellimitha fl-20 ta' Diċembru u meta mistoqsija fuq Mickey din id-darba r-rikorrenti qalet li ma kienx Mickey iżda xi ħadd ieħor. Mistoqsija dwar għamlitx verifiki dwar min daħal fil-barracks dakinhar tal-inċident tgħid illi l-barracks mhumiex fil-ġurisdizzjoni tagħha. Tgħid li r-rikorrenti kienet qalet li l-ġebla ntefgħet minn barra li jiġi sqaq privat u għalhekk mhux xi ħadd li daħal ġewwa. Tgħid li mhux l-ewwel darba li kellha tidħol hi għax mhux l-ewwel darba li jkollhom aħbar ħażina li l-istatus tagħhom mhux garantit u jiġġieldu. Tispjega li minn informazzjoni li kellha dakinhar jew ftit jiem qabel, ir-rikorrenti ġiet irrifjutata ir-*refugee status*.

Tispjega li hi baqgħet issegwi l-każ tar-rikorrenti mal-isptar u informat ukoll il-Maġistrat tal-Għassa. Tgħid li l-għada l-isptar kienu nfurmawha li ġiet operata iżda kien għadhom ma vverifikawx kienx hemm theddida fuq il-ħajja tar-rikorrenti.

Tikkonferma li inkjesta maġisterjali baqgħet ma saritx iżda tgħid li hi lill-Maġistrat kienet informata b'kollox. Mistoqsija dwar jekk qattx rat ċertifikat mediku dwar il-qagħda tar-rikorrenti, tgħid li qatt ma wasal għandha. Tispjega li fl-1 ta' Diċembru hija marret fiċ-ċentru ta' detenzjoni fejn seħħ l-inċident. Meta l-bombardier irraporta l-inċident kienu staqsewh jekk kienx hemm demm u qalilhom li le, ir-rikorrenti kienet waqgħet u ħaduha l-isptar. Mistoqsija dwar jekk qaditx fuq dak li rraporta l-bombardier tgħid li iva. Tghid ukoll illi d-detention services ma għaddewlhiex la ritratti u lanqas rapport ta' xi investigazzjoni li għamlu on site. Tispjega li hi saret taf li l-mara kienet tilfet għajnejha ħafna wara l-inċident u ċioe, fl-2014. Tikkonferma li dan it-tip t'inċident kien jagħti lok li ssir inkjesta maġisterjali iżda hi ma kellhiex informazzjoni f'dak iż-żmien. Tikkonferma li lanqas ir-rikorrenti stess ma kienet infurmatha dwar li kien ġralha meta reġgħet kellmitha.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda taghha hi tgħid li damet tokkupa l-kariga ta' Spettur tal-Pulizija għal kwazi ħames snin u spiccat f'Mejju tal-2016. Mistoqsija dwar il-verżjonijiet differenti li tatha ir-rikorrenti dwar l-inċident, ix-xhud tghid illi l-ewwel kienet qalet li waqgħet, imbagħad li xi ħadd wadbilha kalzetta li kien fiha ġebla u card tat-telefon u tikkonfermali dawn iż-żewġ verżjonijiet ir-rikorrenti qalithomla dakinhar tal-inċident ġewwa l-isptar Mater Dei. Tikkonferma ukoll li wara ir-rikorrenti qalet l-istess verżjonijiet.

Tispjega li l-għada kienu marru fuq il-post u nnutaw li kien hemm distanza notevoli sabiex xi ħadd jitfa xi ħaġa minn barra u meta daħlu fuq il-post la kien hemm traċċi ta' xi ħaġa mitfuha, la perspex imkisser u lanqas demm. Tispjega li kienet ħadet fotografu magħha minħabba li ma kinitx saret inkjesta maġisterjali għax il-gravita` tal-każ ma kinitx ġiet stabbilita. Tikkonferma li r-rikorrenti kienet semmietilhom lil xi ħadd bl-isem ta' Mickey iżda wara qalet li ma kienx hu.

Tgħid li abbażi tal-informazzjoni li kellhom ma setgħatx tistabilixxi kienx sar reat u dan minħabba li ma setgħux jistabilixxu kif ġara l-inċident. Mistoqsija jekk il-verżjoni li ntefgħet xi ħaġa minn barra ċ-ċentru ta' detenzjoni li laqtgħet lir-rikorrenti f'għajnha kinitx tagħmel sens, tgħid li ma kinitx tagħmel sens minħabba li kienet tirrikjedi saħħa konsiderevoli biex tintefa` xi ħaġa minn dik id-distanza u tagħmel dak l-impatt.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda taghha hija tikkonferma li l-inkjesta maġisterjali ma saritx minħabba li t-tobba fl-isptar baqgħu ma qaluliex il-gravita` tal-każ. Tgħid li minkejja dan hi xorta kienet infurmat il-Maġistrat tal-Għassa bil-każ. Tgħid li huma kienu ġew infurmati bil-każ tard, meta r-rikorrenti kienet diġa` l-isptar u bdew jaħdmu fuqu mal-ewwel. Tgħid li kien għadda aktar minn xahar meta saru jafu l-gravita` tal-ġrieħi u l-każ kien għadhom qed jaħdmu fuqu. Tgħid li qatt ma qalet lill-Maġistrat li r-rikorrenti kienet tilfet għajnejha minħabba li kien għadda wisq żmien u minħabba li ma kien irriżulta xejn aktar li wassal għall-inċident fl-investigazzjoni. Mistoqsija mill-Qorti jekk meta daħlet fil-post tal-inċident irriżultaliex li l-post kien ġie b'xi mod imbabas, tgħid li le. Tgħid li dakinhar tal-inċident marret fuq il-post u ma rriżultaw la twieqi mkissrin, la demm u lanqas xi ħaġa mitfuha.

Tispjega li kellmet lil xi nisa li kienu jgħixu hemm u qalu li ma raw xejn. Tgħid li meta marret l-isptar, lir-rikorrenti ma kellmithiex u meta staqsiet dwar il-kundizzjoni tagħha ma kellhomx informazzjoni. Tgħid li l-unika informazzjoni li ngħatat miċ-ċentru ta' detenzjoni dwar l-inċident kienet li lir-rikorrenti kien għadha kemm ġiet rifjutata l-

istatus ta' refuġjata. Mistoqsija jekk investigatx xi nuqqas jew possibli *malafede* tal-armata, tgħid li le. Tgħid li hi ma ġietx infurmata li r-rikorrenti kienet saritilha operazzjoni.

Fix-xhieda tiegħu l-**Oftalmologu Dr Mario Vella** jgħid li lir-rikorrenti ma rahiex bħala pazjenta u kienet operata minn Dr Franco Mercieca li kienet taħt ir-responsabbilita` tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu l-**Kurunell Mario Schembri** jgħid li fit-13 ta' Ottubru 2014 ingħata l-kariga ta' Kap tas-Servizz ta' Detenzjoni u fost affarijiet oħra kellu jamministra ċ-ċentri ta' detenzjoni ta' Malta. Jispjega li hu ħa din il-kariga meta kien diġa` spiċċa bil-pensjoni mill-Armata. Jispjega li d-*Detention Service* bħala entita bdiet fl-2005 u l-liġi li tirregolhom saret fl-2016. Jgħid li fil-frattempt, il-parti l-kbira taċ-ċentri kienu mmexxija minn Membri tal-Forzi Armati ta' Malta minħabba li kien u għadhom sitwati fil-barracks tal-istess. Gradwalment bdew jiġu ngaġġati nies oħrajn biex jagħmlu dan ix-xogħol. Minkejja dan, is-servizz ta' detenzjoni kien distint b'mod totali mill-Forzi Armati.

Jgħid li dakinhar tal-inċident l-amministrazzjoni ta' *Detention Centre* kienet f'idejn il-Kurunell Brian Gatt. Jispjega li l-informazzjoni li għandu dwar l-inċident in kwistjoni ġabarha mil-*log books*, liema *log book* ġie ppreżentat u l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu, u r-rapporti li saru fiż-żmien meta seħħ l-inċident minħabba li hu ma kienx jaħdem hemm f'dak iż-żmien. Jgħid li meta seħħ l-inċident ma kinitx teżisti *Standard Operating Procedure* ta' x'għandu jsir f'kaz ta' inċident, mentri llum huma regolati bil-ligi. Jgħid li fir-rigward tal-inċident in kwistjoni jirriżultalu li l-pulizija kienet ġiet informata bil-każ tard bil-lejl u daħlet fiċ-ċentru l-għada. Jgħid li mid-dokumenti jirriżulta li r-rikorrenti kienet bidlet l-verżjonijiet u skont kliemha l-inċident kien ikkawżat minn terzi minn barra. Jgħid li meta daħal hu fil-kariga ma rriżultalux li kien hemm proċedura dwar preservazzjoni tal-evidenza. Jispjega li skont id-dokumenti li għandu r-rikorrenti kienet weġġgħet u ttieħdet l-isptar mal-ewwel. Jgħid li meta raha l-ispeċjalista baqgħet tinsisti li waqgħet iżda minħabba n-natura tal-ferita l-ispeċjalista qalilha li ma setgħax ikun u kien hemm li biddlet il-verżjoni. Kien meta l-membru tas-servizz ta' detenzjoni, Carl Wilson, li kien qed jakkumpanja lir-rikorrenti sema hekk li informa lill-bombardier li minn naħa tiegħu nforma l-pulizija. Jgħid li mar-rikorrenti kienet marret oħtha l-isptar bħala interpretu. Jgħid li mid-dokumenti ma jirriżultalux li kien hemm demm.

Fix-xhieda tiegħu **Carl Wilson** jgħid li jokkupa l-kariga ta' *Detention Officer* fi ħdan id-Detention Services of Malta, u ilu jokkupa din il-kariga mit-23 ta' Lulju 2006. Jgħid li meta seħħ l-inċident in kwistjoni kien jaħdam fil-*guard room* f'Lyster Barracks f'Ħal Far. Jispjega li dakinar tal-inċident Lance Bombardier Schembri kien informah li jrid jieħu waħda mill-okkupanti taċ-ċentru il-Floriana *Health Centre*. Kien informat li din kienet waqgħet fix-shower. Jgħid li tellagħha fil-van u mar il-Floriana Health Centre. Jgħid li kienu hu, ir-rikorrenti u d-driver tal-vann. Jgħid li l-ewwel darba li ra lir-

rikorrenti kienu niżluha ħdejh minn fejn kienet tabita f'żona Ċ ghall-habta tatt-tlieta ta' wara nofsinhar. Hi kienet skortata minn Lance Bombardier Schembri.

Jghid li meta ra lir-rikorrenti kellha għajnejha mgħottijin b'xugaman jew bid-drapp. Jispjega li ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Floriana, x'ħin it-tabib invista lir-rikorrenti irreferiha għall-Isptar Mater Dei. Jispjega li meta marru l-Isptar Mater Dei rreferew lir-rikorrenti għand tabib tal-għajnejn u meta staqsija x'ġara, ix-xhud spjega, dak li kienu qalu lilu, li kienet waqgħet fix-shower. Jispjega li l-oftalmologu insista li minn dak li kellha f'ghajnejha ma setax kien il-każ li waqgħet u kienf'dak il-punt li r-rikorrenti spjegat li kienet bilqiegħda fit-tieqa, xi ħadd tefa xi ħaġa 'l ġewwa u waqgħet minn fejn kienet. Jgħid li hu baqa` mar-rikorrenti sas-sebgħa ta' fl-għaxija meta spiċċa x-shift tiegħu u ġie kollega tiegħu jibdlu uma kellu l-ebda involviment ieħor fil-każ wara dakinhar. Jgħid li meta bidlet il-verżjoni tagħha rigward kif seħħ l-inċident hu ċempel lill-Lance Bombardier Schembri u informah dwar dan. Mistoqsi jekk rax demm fuq ir-rikorrenti, hu jgħid li le.

Fix-xhieda tiegħu it-**Tabib Kirurgu Franco Mercieca** jikkonferma r-rapport mediku tat-30 ta' Novembru 2012 li kien jikkonċerna l-inċident mertu tal-kawża li fih kienet involuta r-rikorrenti. Jispjega li r-rikorrenti kienet allegatament milquta minn ġebla u kellha *injury* serja f'għajnejha fejn kellha qsim f'wiċċha u għajnejha kienet inqasmet kompletament minn quddiem sa wara n-nerv, ħareġ l-kontenut kollha tal-għajn u tilfet għajnejha. Jgħid li f'każijiet simili jippruvaw iħitu l-għajn biex jippruvaw isalvawha u jispjega illi anke li ġebla żgħira li tolqot l-għajn eżatt tista toħloq din it-tip ta' *injury*.

Jispjega illi l-forza li laqtgħet għajn ir-rikorrenti kienet kbira. Jispjega li meta tkun *blunt injury* tkun ikbar minħabba li l-għajn tinfaqa` u jkun hemm iktar ħsara. Jgħid li f'dan il-każ l-għajn kienet mifqugħa u l-injuries madwar il-ġilda kienu jindikaw li kien hemm xi ħaġa tiffitja eżatt mal-*orbital wall*. Jgħid li r-rikorrenti ingħatat antibiotics u steroid li jingħataw rutina meta jkun hemm *penetrating injury* u dan biex jevitaw ir-riskju t'infezzjoni. Jispjega li ma stabitx li kien hemm infezzjoni għax kieku l-isteroid ma kinitx tingħata. Jgħid li hu operaha fit-30 ta' Novembru stess bil-lejl u jikkonferma illi ghajn ir-rikorrenti x-xellugija ntilfet kompletament.

Mistoqsi in kontro-eżami meta jirriżultalu li r-rikorrenti tilfet l-għajn jgħid li kellha *injury* gravi li biha intilef il-kontenut tal-għajn, kellha *detachment of retina* u tilfet il-vista f'daqqa. Mistoqsi jekk din it-tip ta' *injury* tistax tiġri b'waqa jispjega li jekk taqa` fuq xi ħaġa ppuntata u *solid*, tista` tiġri.

Fix-xhieda tiegħu **Joseph Grech,** li kien jokkupa l-kariga ta' bombardier fil-forzi armati,jgħid li hu kien assenjat maċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Far u kien jirrispondi lis-Sur Schembri u kien jagħti s-servizz tieghu taħt is-Servizzi tad-Detenzjoni. Jikkonferma li fid-data tal-inċident kien stazzjonat f'Lyster Barracks uli l-proċedura dak iż-żmien kienet li meta jseħħ inċident l-ewwel imorru id-DS Officers u jaraw huma u jekk ikun każ li mhux ta' idejhom kien jitl'a jara x'ġara, imbagħad iċempel lill-awtoritajiet ta' fuqu sabiex jieħu parir u jimxi skont dak il-parir.

Jgħid li dakinhar tal-inċident *de quo* jiftakar li tela' u sab mara ta' kulur mal-art u bdew iżommulha għajnejha. Jispjega li għajn ir-rikorrenti hu qatt ma raha u għalhekk ma jafx kif kienet. Jgħid li niżżel kull ma ġara fil-*logbook*. Jispjega li mbagħad waslu fuq il-post *Higher Authority* u ħalla f'idejhom. Jispjega li meta raha, ir-rikorrenti kienet mal-art iżda mhux minduda. Jgħid li ġie msejjaħ fuq il-post mid-DS Officers iżda ma jiftakarx min kienu partikolarment dakinhar. Jgħid li hu informa lid-Duty Officer ta' dakinhar iżda ma jiftakarx min kien. Mistoqsi jekk jiftakarx li ra demm mal-art meta ra lir-rikorrenti, jgħid li ma jiftakarx li kien hemm demm. Jgħid li lanqas ma ra ġebla jew kalzetta. Jgħid li l-istruzzjonijiet dakinhar taghhomlu ta' fuqu li kien jew Surġent jew Warrant Officer. Jispjega illi kien hu li rraporta l-inċident lill-għassa ta' Birżebbuġa. Jgħid li ma jiftakarx kif irraporta u lanqas il-ħin. Mistoqsi jekk ħax ritratti ta' fejn kienet ir-rikorrenti, jgħid li ma għamilx dan. Mistoqsi jekk tax ordnijiet biex jitneħħa xi demm jew oġġetti minn mal-art, jgħid li le għax ma kien hemm xejn x'jitneħħa. Jispjega li lir-rikorrenti dakinhar ma kellimhiex u n-nies li kien hemm bdew jgħidu verżjonijiet differenti, min li kien waqgħet u min li kienet intlaqtet b'xi ħaġa minn barra. Jikkonferma li hu ma rax demm dakinhar.

Mistoqsi in kontro-eżami dwar il-kwantita t'inċidenti li kien ikun hemm, jgħid li kien ikun hemm bejn tnejn u tliet inċidenti kuljum. Jgħid li meta jkunu inċidenti żgħar ma kienux jirraportawhom lil pulizija. Jgħid li f'dan il-każ irraporta lil Pulizija għax l-istruzzjonijiet minn ta' fuqu kienu f'dak is-sens.

Fix-xhieda tagħha, ir-rikorrenti, **Martha Tesfaye Wekede Cherkos** tgħid li hi waslet Malta fl-2012 u kienet miżmuma fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni f'Lyster Barracks f'Ħal Far. Tgħid li fit-30 ta' Novembru 2012 wara nofsinhar kienet bil-qegħda qed taqra l-Bibbja, marret fil-kamra tal-banju u hi u tirritorna xi hadd laqgħata u waqgħet mal-art. Tispjega li kienet fil-kuritur barra l-kamra tal-banju meta seħħ l-inċident u intlaqtet b'oġġett li daħal minn waħda mit-twieqi li jinsabu fl-imsemmi kuritur. Tgħid li kull ma tiftakar hu li kienet milquta u waqgħet mal-art. Tgħid li kienet fil-kuritur eżatt barra l-kamra tal-banju, ħdejn tieqa. Tispjega li t-tieqa kienet tieqa tal-ħadid li kienet miftuħa.

Issostni li kienet ġiet milquta minn oġġett u mhux fiżikament minn persuna. Tgħid li meta ntlaqtgħet mill-oġġett waqgħet għall-wiċċha u ma tiftakar xejn aktar. Tgħid li meta kienet iċ-ċentru ta' detenzjoni kien hemm nies magħha li jitkellmu l-lingwa tagħha. Tispjega li mill-ħin tal-inċident l-ewwel ħaġa li tiftakar kienu jumejn wara li seħħ l-inċident. Tgħid li tiftakar li kellha għajnejha mgħottijin u bdiet tibki u t-tabib kien infurmaha li għajnejha kellha ħsara kbira. Tgħid li dan kien ġewwa l-isptar Mater Dei fejn damet tliet'ijiem.

Tispjega li minn dakinhar bdiet tittieħed l-isptar Mater Dei kull jumejn sabiex jibdlulha l-faxex. Tgħid li għall-ewwel xahar kienet tmur l-isptar Mater Dei, imbagħad ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana. Tispjega li wara li għadda xahar pruvat tittratta lilha nnifisha. Tgħid li wara l-inċident tat rendikont ta' x'kien ġara fl-għassa tal-Pulizija f'Birżebbuġa. Tispjega li tkellmet ma pulizija mara rigward il-vista tagħha. Tgħid li tkellmet ukoll ma persuna li kienet tgħix magħha ta' nazzjonalita Somala. Tgħid li ma tiftakarx li tkellmet ma xi ħadd ieħor dwar kif ġara l-inċident. Mistoqsija dwar tiftakarx kellhiex demm tgħid li ma tiftakarx u tiftakar li imtedded fuq wiċċha. Tgħid

li tiftakar li wara jumejn rat il-flokk li kienet liebsa u kien mimli demm. Tgħid li meta ntlaqtgħet ma rrikonoxxietx li tilfet għajnejha. Tgħid li fil-kamra tal-banju ma żelqitx.

Mistoqsija in kontro-eżami kinitx wiċċha lejn it-tieqa meta seħħ l-inċident tgħid li t-tieqa kienet maġenba fuq ix-xellug. Tgħid li d-distanza bejn it-tieqa u hi kienet waħda żgħira. Tikkonferma li t-tieqa għandha l-ħadid fuq barra u li t-tieqa kienet miftuħa. Mistoqsija tiftakarx li lill-awtoritajiet kienet qaltilhom li waqgħet fix-shower, tgħid li ma tiftakar xejn. Tgħid li ma kienet kellmet lil ħadd u l-ewwel li tiftakar hu li t-tabib kien qalilha li dak li ġara ma kienx inċident iżda kienet intefgħet xi ħaġa iebsa apposta. Tgħid li lit-tabib qatt ma qaltlu x'ġara iżda kien hu li qalilha xi ġralha. Mistoqsija jekk tafx min ħadha l-isptar tgħid li ma tafx.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda taghha, ir-rikorrenti tgħid li hi waslet Malta fl-2012 u ghalkemm hija ta' nazzjonalita Ethiopjana, ma ġietx Malta mill-Ethiopia iżda mis-Sudan fejn kienet taħdem f'Khartoum u fejn kellha problemi minħabba t-twemmin reliġjuż tagħha. Tgħid li waslet Malta f'dgħajsa ma ħamsa u tmenin ruħ. Tgħid li bejn meta waslet f'Malta u meta ġara l-inċident kienu għaddew tliet xhur.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-**Perit Tekniku Mario Cassar,** b'rapport ippreżentat fit-8 ta' Frar 2018 (fol 429 et seq), irrelata u ppreżenta diversi ritratti kif ukoll pjanta bil-kejl u b'indikazzjoni fejn seħħ l-inċident mertu tal-kawża, fosthom fejn kienet ir-rikorrenti meta ntlaqtgħet mill-oġġett li kkawża l-inċident kif ukoll minn fejn seta' intefa` l-istess oġġett.

Fix-xhieda tiegħu jgħid li meta sar l-aċċess, it-twieqi kellhom l-polycarbonate li kienu jidhru relattivament ġodda u sema li kienu saru riċentament. Jispjega li l-ewwel *fence* mill-binja huwa 5.18 metru, bejn il-*fences* imbagħad hemm distanza ta' 11.1 metri. Jispjega li hemm dizlivell bejn il-*fence* ta' mal-blokka għal mal-pjan terran tal-istess blokka ta' tliet tarġiet, minn dak il-*fence* imbagħad jitla' gradient ta' dizlivell ta' metru biex imbagħad tiġi mat-triq.

Fi tweġibiet għad-domandi in eskussjoni jgħid li huwa fir-rapport tiegħu assuma li l-oġġett intefa` minn barra. Jikkonferma li hemm possibilita` li l-oġġett seta` ntefa` mill-kamra stess fejn kienet ir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-**Perit Tekniku, l-Oftalmologu Kirurgu Mario Vella,** b'rapport ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2010 (fol 481 et seq), irrelata dwar il-kundizzjoni tar-rikorrenti wara l-inċident li seħħ fit-30 ta' Novembru 2012. Jgħid li r-rapport ta' dak iż-żmien juri li r-rikorrenti sostniet *fracture of the orbital floor... with herniation of the orbital fat and the inferior rectur muscle.* Jgħid li meta seħħ l-inċident r-rikorrenti intilfet minn sensieha għal ħames minuti. Ir-rikorrenti ġiet operata dakinhar stess mill-konsulent Mr Franco Mercieca. Jispjega li r-rikorrenti kienet ġiet infurmata dakinhar stess li ċ-ċans ta' rkupru kien żgħir ħafna.

Jispjega li hu eżamina lir-rikorrenti fid-9 ta' Mejju 2019 u irriżultalu li r-rikorrenti ma kellhiex vista f'għajnha x-xellugija. Għalhekk għandha diżabilita viżwali ta' 25%.

Fir-risposti tiegħu għad-domandi in eskussjoni jispjega li l-formula li utilizza sabiex wasal għal figura ta' 25% kien tahielu l-Imħallef Lawrence Mintoff u tinħadem bħala **((T x 3) + (K x 1)) /4** fejn T tirrappreżenta il-viżjoni tal-għajn it-tajba u K tirrappreżenta l-viżjoni tal-għajn affetwata. Ir-riżultat jagħti l-persentaġġ ta' vista tajba rimanenti. Jispjega li f'dan il-każ l-għajn tal-lemin hija 100% mentri l-għajn tax-xellug hija 0. B'hekk ir-riżultat jammonta għal 75% u għalhekk il-*visual loss* huwa ta' 25%. Jispjega li tinħadem b'dan il-mod minħabba li meta hemm telf ta' għajn, l-għajn l-oħra tikkumpensa għaliha. Jikkonferma li l-persentaġġ huwa diżabilita` viżwali u mhux disabilita` fuq kollox.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Ir-rikorrenti minn naħa tagħha tibda billi tgħid li ma setatx tippreżenta kawża ċivili kontra l-persuna li waddbet il-ġebla li ferieta minħabba l-fatt li l-identita` ta' dik il-persuna mhix magħrufa u għalhekk ma kienx hemm leġittimu kontradittur għall-finijiet ta' kawża ċivili għad-danni u għalhekk u anke minħabba li kienet qed tinżamm f'post ta' kustodja meta seħħ l-inċident kellha tirrikorri għal proċediment kostituzzjonali. Barra minn hekk, ir-rikorrenti qed titlob dikjarazzjoni li ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tagħha, li tista` tingħata biss mill-Qorti Kostituzzjonali.

Ir-rikorrenti fin-nota tagħha elenkat fit-tul l-effetti li ġarrbet minħabba l-inċident li seħħ fit-30 ta' Novembru 2012 fejn hi tilfet għajnejha x-xellugija kif ukoll id-diskrepanzi li jemerġu mix-xhieda differenti. Issostni li jemerġu numru ta' nuqqasijiet da parti tal-awtoritajiet li jrendu s-sitwazzjoni waħda ferm stramba li tqanqal diversi mistoqsijiet.

Fir-rigward tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-intimat, u ċioe` n-nuqqas t'eżawriment ta' rimedji ordinarji, li l-azzjoni għad-danni hi waħda preskritta u li l-intimat mhuwiex responsabbli minħabba li l-allegazzjonijiet in kwistjoni mhumiex ir-riżultat ta' xi nuqqas da parti tiegħu, issostni li hi ma setgħet qatt tippreżenta kawża għad-danni minħabba l-fatt li meta ġara l-inċident hi intilfet minn sensieha u kellha toqgħod fuq l-investigazzjonijiet magħmulha mill-awtoritajiet kompetenti liema investigazzjonijiet ma wasslu mkien u għalhekk ma kienx hemm leġittimu kontradittur għal kawża għad-danni.

Issostni li la darba kienet vittma ta' inċident f'post ta' kustodja kellu jkun l-istat li jikkompensaha adegwatament mingħajr il-bżonn ta' kawża. Tgħid li l-aġir tal-Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni ma kienx jissodisfa dak il-grad ta' diliġenza mistenni minnu. Lanqas ma għamel investigazzjoni serja, effettiva u komprensiva dwar l-inċident u min ta l-istruzzjonijiet sabiex titneħħa kull tip t'evidenza dwar l-inċident, akkumpanjat ukoll bil-fatt li r-rapport tal-Pulizija sar erba' sigħat wara l-inċident.

Issostni li l-intimat naqas mid-dmirijiet tiegħu li jippreserva x-xena tal-inċident u naqas milli jistabilixxi kif svolġew iċ-ċirkustanzi fir-realta`. Tgħid li l-istess intimat mhux talli m'għamilx dan, talli pprova jgħatti n-nuqqasijiet tiegħu u tan-nies ta' taħtu billi prova jitfa` l-ħtija fuq ir-rikorrenti.

B'referenza għall-ktieb **Harris, O'Boyle & Warbrick, "Law of the European Convention on Human Rights"** kif ukoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Platform 'Arzte fur das Leben' vs Austria**, hi issostni li fil-każ odjern tapplika d-dottrina ta' *Positive Obligations* li l-istat għandu sabiex jipproteġi lill-individwu u jassigura l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali. Issostni li l-korriment tar-rikorrenti huwa prova li s-sistema ta' protezzjoni u s-sistema ta' sigurta` kienu inadegwati u fallew u konsegwentament l-istat huwa responsabbli għal dak li ġara.

Oltre` minn hekk, issostni li l-istat għandu l-obbligu li jagħmel investigazzjoni serja u effettiva ta' kull każ. Issostni li mhuwiex minnu li l-uffiċjali kkonċernati taw l-assistenza neċessarja lir-rikorrenti u dan partikolarment in vista tal-fatt li damu tmenin minuta biex wasslu lir-rikorrenti l-isptar mill-ħin tal-inċident, u dan wara li ħaduha fiċ-ċentru tas-saħħa tal-Floriana u stennew wara n-nies. Agħar minn hekk jirriżulta li damu aktar minn erba' sigħat sabiex irrapurtaw l-inċident lill-Pulizija. Jiġi osservat ukoll  li l-ufficjal li akkumpanja lir-rikorrenti fl-isptar, l-ewwelnett kien membru maskili mentri kellha dritt tiġi akkumpanjata minn membru femminili u t-tieni nett meta sema` lir-rikorrenti titkellem l-isptar ma nfurmax hu lill-Pulizija iżda informa lil ta' fuqu li kienet biddlet il-verżjoni.

Tistaqsi dwar x'tip ta' informazzjoni ngħatat mill-Ispettur Fabri lill-Maġistrat tal-Għassa u dana stante li l-fatt li seħħ inċident fejn seħħet ferita ta' natura gravi ġo post ta' kustodja f'ċirkostanzi li kienu għadhom iridu jiġu stabbiliti ċertament li kien jagħti lok għal inkjesta.

Issostni li f'dak li jirrigwarda l-<u>artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>, tibbaża l-lanjanza tagħha dwar trattament inuman u degredanti fuq il-fatt illi s-Servizzi ta' Detenzjoni ħadu iktar minn tmenin minuta biex iwasslu lir-rikorrenti ġewwa l-Isptar Mater Dei u damu erba' sigħat sabiex irrapurtaw lill-Pulizija, kif ukoll l-fatt li x-xena tal-inċident ma ġietx preservata kif jeħtieġ u b'hekk ċaħdu lir-rikorrenti mill-provi li kienu jeżistu fuq ix-xena tal-inċident.

Issostni li bl-għaġir tagħhom l-uffiċjali taċ-ċentru ta' detenzjoni m'osservawx ir-regolament 3 tal-L.S. 217/19, li jimponi li dawn l-uffiċjali għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lejn id-dmir fundamentali tagħhom li jattendu għall-*benesseri* ta' persuni f'detenzjoni. Tgħid li għalkemm l-intimat jew is-subalterni tiegħu ma kienux involuti direttament fl-inċident xorta jibqa' l-fatt li l-inċident seħħ f'post ta' kustodja u għalhekk għandhom jirrispondu s-Servizzi ta' Detenzjoni.

B'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Paul and Audrey Edwards vs UK,** issostni li x-xena tal-inċident kellha tiġi ppreservata u ġialadarba l-intimat ma kienx kapaċi jidentifika u jispjega kif, minn min u fuq ordni ta' min tneħħiet l-evidenza għandu jirrispondi dan il-korp dixxiplinat, ċioe` is-Servizzi ta' Detenzjoni.

Issostni li f'dak li jirrigwarda l-<u>Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>,  il-fatt li meta persuna tkun qed tinżamm f'post ta' kustodja ikun hemm spostament tar-responsabilita` u l-awtoritajiet jitgħabbew bid-*duty of care* tal-persuna miżmuma fil-post ta' kustodja, b'hekk jirrispondu għal dak li jiġri waqt li l-persuna tkun qed tinżamm fil-kustodja tagħhom.

Tgħid li n-ness li għandu jiġi ppruvat f'din il-kawża huwa n-ness bejn il-ħsara li sofriet meta korriet u l-Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni li jiżgura l-inkolumita` tal-immigranti

irregolari. Issostni li l-awtoritarjiet ta' kull post ta' kustodja għandhom l-obbligu li jieħdu l-miżuri kollha attivament biex jiżguraw l-inkolumita` tad-detenuti. L-istat għandu l-obbligazzjoni posittiva li jipproteġihom u jħares is-sigurita` tagħhom. F'dan il-każ il-kamra fejn seħħ il-każ ma kinitx protetta biżżejjed u tħallew persuni jidħlu mill-*perimeter fence* jew ma ġewx impeduti milli jwaddbu oġġetti iebsa minn barra l-fence. Issostni li dan kollu jrendi lill-istat responsabbli indirettament għall-konsegwenzi tal-intrużjoni.

Fir-rigward tal-<u>Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u> issostni li ġie leż id-dritt tar-rikorrenti għall-privatezza u dana meta s-servizzi ta' Detenzjoni bagħtu magħha uffiċjal raġel biex jakkompanjha l-isptar, speċjalment in vista tal-fatt li kienet mitlufa minn sensiha. Tgħid li fl-ebda punt ma jissemma` li fi blokka fejn kienu detenuti nisa kien hemm uffiċjal mara.

Issostni li fir-rigward ta' kumpens dan għandu jikkonsisti kemm f'dak morali u kemm f'dak ċivili u materjali. Tgħid li għalkemm normalment tal-aħħar ma jingħatawx mill-Qorti Kostituzzjonali, taghmel referenza għas-sentenza **Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et** u ssostni li mhux eskluż li wieħed jitlob danni ċivili minn Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, speċjalment in vista tal-fatt li fil-każ odjern l-azzjoni ta' natura ċivili ma setgħetx issir.

In vista ta' dan kollu, issostni li għandu jingħata kumpens fl-ammont ta' mija u għoxrin elf Ewro (€120,000), liema ammont għandu jiġi stabbilit *arbitrio boni viri* u jkun jirrifletti d-danni non-pekunjarji kif ukoll dawk pekunjarji.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Minn naħa tiegħu l-intimat Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni isostni li ma jistax jinżamm responsabbli ta' inċident li seħħ b'egħmil ta' ħaddieħor u dan speċjalment in vista tal-fatt li r-rikorrenti tat erba' verżjonijiet differenti ta' x'ġara dakinhar tal-inċident. Jgħid li ma nġiebet ebda prova li b'xi mod tindika li l-intimat kien direttament jew indirettament responsabbli tal-inċident.

Jgħid li kollox jindika li l-kawża odjerna kellha tkun waħda ordinarja għad-danni fejn kellu qabel kollox jiġi stabbilit min kien responsabbli għall-inċident iżda la darba hija kawża kostituzzjonali mela allura din il-Qorti għandha tqis biss jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali invokati mir-rikorrenti.

Fir-rigward tal-<u>Artikolu 3</u> tal-Konvenzjoni Ewropea, l-intimat isostni li ma hemm l-ebda ness ta' kawżalita` bejn l-allegat inċident u l-aġir jew xi ommissjoni tal-intimat u dana stante li, b'referenza għal numru ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea, l-intimat issodisfa l-obbligu tiegħu li jinforma l-awtoritajiet kompetenti dwar l-inċident. Isostni li jkun hemm vjolazzjoni tal-obbligi pożittivi tal-istat biss jekk jiġi ppruvat passivita` assoluta mill-istat biex tittieħed azzjoni effettiva.

Isostni li għal dak li jirrigwarda l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, it-trattament jitqies inuman meta jkun maħsub minn qabel u premeditat biex jikkaġuna *intense physical and mental suffering*[1]. Jgħid li l-protezzjoni għad-

[1] **Tekin v Turkey** deċiża fid-9 ta' Ġunju 1998

drittijiet fundamentali hija kontra trattament fost affarijiet oħra premeditat, li jikkawża tbatija fiżika u mentali u trattament intenzjonat u apposta li joħloq biża, twerwir, etc u bil-għan speċifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjita tal-persuna[2]. Isostni li l-intimat ċertament li ma kellux l-intenzjoni li jassoġġetta lir-rikorrenti għal dan it-tip ta' trattament.

Fir-rigward tan-nuqqas ta' inkjesta maġisterjali isostni li l-ispettur Carol Fabri fix-xhieda tagħha spjegat estensivament kif fix-xena tal-incident ma kien hemm xejn x'tippriserva minn fuq ix-xena li kien jimmerita inkjesta maġisterjali.

Fir-rigward tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-intimat isostni li mhux ċar għaliex qed jiġi invokat l-imsemmi artikolu għaliex il-mertu tal-kawża ma jirrigwardax il-fatt li hi nżammet fiċ-ċentru ta' detenzjoni. Jgħid li l-artikolu 5 ma ġiex vjolat għaliex ir-rikorrenti ma ġietx ipprivata mid-dritt għal-liberta` u dan għaliex ma nżammitx arrestata jew detenuta kontra l-liġi u jidhirx li l-ilment tagħha f'din il-kawża huwa dwar dan il-fatt.

Fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-intimat isostni li m'hemmx vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu stante li kull indħil sar bl-għan li jitħarsu l-interessi nazzjonali, sigurita` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż u biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitt hekk kif sanċit mill-Artikolu 8(2). Jgħid li ma ġie ppruvat bl-ebda mod li l-intimat b'xi mod indaħal b'mod arbitrarju fil-ħajja privata u familjari tar-rikorrenti.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi stabbiliti il-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi l-ewwel l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimat fir-risposta tiegħu.

### Eċċezzjoni rigward in-Nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinarju

Ai termini ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Kap tas-Servizz ta' Detenzjoni, din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta stante li r-rikorrenti m'eżawrietx ir-rimedji ordinarji disponibbli għaliha skont il-liġi konsistenti f'azzjoni għad-danni jekk dehrilha li l-esponent kien responsabbli b'xi mod għall-akkadut tat-30 ta' Novembru 2012.

L-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 jipprovdi li:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-*

[2] **Calleja et vs Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' Frar 2008, **Peers v Greece** deċiża mill-Qorti Ewropea fid-19 t'April 2001, **Yancov v Bulgaria** deċiża mill-Qorti Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2003

*Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

Issa, ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 2013 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief*

*Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm mezzi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[3] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

*"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[4]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[5]

[3] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[4] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[5] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995

> *"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[6]
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[7].

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrent kellhiex a dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressaq minnha.

Madankollu jispetta dejjem lil din l-Qorti d-diskrezzjoni li, fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, tagħżel Hl jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[8]:

> *"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

Ir-raġuni prinċipali li tagħti r-rikorrenti dwar għaliex ma pproċedietx b'kawża ċivili għad-danni hi minħabba l-aġir jew in-nuqqas t'aġir tal-intimat u tal-awtoritajiet li wasslu biex ma ġiex stabbilit min kien responsabbli għall-inċident li seħħ fit-30 ta' Novembru 2012.

Il-Qorti tosserva illi t-talbiet tar-rikorrenti huma intrinsikament marbutin mal-allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu ai termini tal-**Artikli 3, 5 u 8** tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Qorti tqis illi l-allegati vjolazzjonijiet mressqa mir-rikorrent fir-rikors promotur ma kienux ser jiġu indirizzati bir-rimedju ordinarji konsistenti f'azzjoni għad-danni. Fil-fehma tal-Qorti, il-prentensjoni tar-rikorrenti li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħha ma humex lanjanzi li jaqgħu fil-parametri t'azzjoni ċivili għad-danni. Il-pretensjonijiet dwar ksur tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Kostituzzjoni huma ta' kompetenza tal-qorti sede kostituzzjonali.

**Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Kap tas-Servizz ta' Detenzjoni in rappreżentanza tas-Servizz ta' Detenzjoni**

---

[6] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[7] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

[8] Rik 40/10

**Eċċezzjoni li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16**

It-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimat Kap tas-Servizz ta' Detenzjoni tirrigwarda li l-azzjoni hija azzjoni ta' danni u hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

Il-Qorti, anke in linea ma' dak deciz fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, tqis li t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur huma marbuta ma' allegat lezjoni ta' drittijiet fondamentali u mhix kawza ghad-danni civili rizultat ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni ta' persuna jew entita` partikolari, u għalhekk, in kwantu konsidrat illi din hija kawza ta' natura kostituzzjonali, tqis illi ma hemm ebda preskrizzjoni ghal kawza ta' din in-natura. Ghalhekk sejra ukoll tichad din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni fl-isfond ta' kawza bhal din.

**Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimat Kap tas-Servizz ta' Detenzjoni in rappreżentanza tas-Servizz ta' Detenzjoni**

**L-Eċċezzjoni li l-intimat mhux responsabbli għall-akkadut u ma jirrispondix għat-talbiet kif dedotti**

Permezz tat-tielet eċċezzjoni mressqa minnu, l-intimat Kap tas-Servizz ta' Detenzjoni jinsisti li hu mhux responsabbli għall-akkadut stante li l-allegazzjonijiet in kwistjoni mhumiex ir-riżultat ta' xi nuqqas da parti tiegħu.

**Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija marbuta b'mod dirett mal-mertu ta' din il-vertenza u għalhekk ser tkun qed tikkunsidra u tiddeċiedi dwar din it-tielet eċċezzjoni tal-intimat Kap tas-Servizz ta' Detenzjoni in rappreżentanza tas-Servizz ta' Detenzjoni, flimkien mal-mertu.**

**<u>Konsiderazzjonijiet fil-Mertu</u>**

**Allegat vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea**

L-ewwel talba tar-rikorrenti hija sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-fatti premessi jagħtu lok għal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ai termini tat-Tielet Artikolu tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

It-Tielet Artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi testwalment hekk:

> *Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

Ir-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet tagħha tgħid li qed tibbaża l-lanjanza tagħha dwar trattament inuman u degredanti fuq il-fatt illi s-Servizzi ta' Detenzjoni ħadu bejn tmenin u ħamsa u disgħin minuta biex iwasslu pesuna b'għajnejha maqlugħa barra u l-għadam ta' taħtha miksur sa l-Isptar Mater Dei, billi damu erba' sigħat biex irrapurtaw il-każ lill-Pulizija u billi neħħew il-provi tal-inċident mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Pulizija jew tal-Maġistrat Inkwirenti.

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Nicolae Virgiliu Tanase vs Romania** deċiża fil-25 ta' Ġunju 2019, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *115. The Court notes that Article 3, read in conjunction with the State's general duty under Article 1 of the Convention to "secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in ... [the] Convention", requires States to take measures designed to ensure that individuals within their jurisdiction are not subjected to ill-treatment, including ill-treatment administered by private individuals (see A. v. the United Kingdom, 23 September 1998, § 22, Reports 1998-VI, and Z. and Others v. the United Kingdom [GC], no. 29392/95, §§ 73-75, ECHR 2001-V). This general requirement involves a procedural obligation. In cases of allegations of medical negligence the obligations under Article 3 incumbent on the authorities have been interpreted as in principle not requiring the provision of a criminal-law remedy (see V.C. v. Slovakia, no. 18968/07, §§ 125-26, ECHR 2011 (extracts); N.B. v. Slovakia, no. 29518/10, § 84, 12 June 2012; I.G. and Others v. Slovakia, no. 15966/04, § 129, 13 November 2012; and Dvořáček v. Czech Republic, no. 12927/13, § 111, 6 November 2014). **By contrast, where an individual makes an "arguable claim" or a "credible assertion" that he has suffered treatment infringing Article 3 at the hands of, inter alia, the police or other similar authorities, the aforementioned provisions require by implication that there should be an effective official investigation of a criminal nature**. If this were not the case, the general legal prohibition of torture and inhuman and degrading treatment and punishment, despite its fundamental importance, would be ineffective in practice (see Assenov and Others v. Bulgaria, no. 24760/94, § 102, 28 October 1998, Reports 1998-VIII; Labita v. Italy [GC], no. 26772/95, § 131, ECHR 2000-IV; El-Masri v. the former Yugoslav Republic of Macedonia [GC], no. 39630/09, § 186, ECHR 2012; Mocanu and Others v. Romania [GC], nos. 10865/09 and 2 others, § 317, ECHR 2014 (extracts); Bouyid v. Belgium [GC], no. 23380/09, § 116, ECHR 2015). Even in the absence of a formal complaint, once the matter has come to the attention of the authorities, this gives rise ipso facto to an obligation under that Article that the State carries out an effective investigation (see Gorgiev v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 26984/05, § 64, 19 April 2012; El-Masri, cited above, § 186).*
>
> *116. In its examination of whether a person has been "subjected to ... treatment" that is "inhuman or degrading" within the meaning of Article 3, the Court's general approach has been to emphasise that the treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of this provision. The assessment of that level is relative and depends on all the circumstances of the case, principally the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see Muršić v. Croatia [GC], no. 7334/13, § 97, 20 October 2016; Paposhvili v. Belgium [GC], no. 41738/10, § 174, 13 December 2016; and Khlaifia and Others v. Italy [GC], no. 16483/12, § 159, 15 December 2016).*

> *117. **In order to determine whether the threshold of severity has been reached, the Court may also take other factors into consideration, in particular: the purpose for which the ill-treatment was inflicted, together with the intention or motivation behind it, although the absence of an intention to humiliate or debase the victim cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3;** the context in which the ill-treatment was inflicted, such as an atmosphere of heightened tension and emotions; and whether the victim was in a vulnerable situation (see Khlaifia and Others, cited above, § 160, with further references).*
>
> *118. Subjecting a person to ill-treatment that attains such a minimum level of severity usually involves actual bodily injury or intense physical or mental suffering. However, even in the absence of those characteristics, where treatment humiliates or debases an individual, showing a lack of respect for or diminishing his or her human dignity, or arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual's moral and physical resistance, it may be characterised as degrading and also fall within the prohibition set forth in Article 3. It may well suffice that the victim is humiliated in his own eyes, even if not in the eyes of others (see Bouyid, cited above, § 87, with further references).*
>
> *Ommissis*
>
> *121. However, the Court considers that the approach to assessing whether a person has been subjected to ill-treatment attaining the minimum level of severity, as described in paragraphs 116-118 above, established through a number of successive Grand Chamber judgments, remains the correct one also in respect of treatment inflicted by private individuals. As can be seen from these passages, it involves taking into account an array of factors, each of which is capable of carrying significant weight. **All these factors presuppose that the treatment to which the victim was "subjected" was the consequence of an intentional act.***

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Rooman vs Belgium** deċiża fil-31 ta' Jannar 2019, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *144. The Convention does not contain any provision relating specifically to the situation of persons deprived of their liberty, let alone where they are ill, but it cannot be ruled out that the detention of a person who is ill may raise issues under Article 3 (see Matencio v. France, no. 58749/00, § 76, 15 January 2004**). In particular, the Court has held that the suffering which flows from naturally occurring illness, whether physical or mental, may in itself be covered by Article 3, where it is, or risks being, exacerbated by conditions of detention for which the authorities can be held responsible** (see, in particular, Hüseyin Yıldırım v. Turkey, no. 2778/02, § 73, 3 May 2007, and Gülay Çetin v. Turkey, no. 44084/10, § 101, 5 March 2013). Hence, the detention of a person who is ill in inappropriate physical and medical conditions may in principle amount to treatment contrary to Article 3 (see Kudła v.*

*Poland [GC], no. 30210/96, § 94, ECHR 2000-XI; Rivière v. France, no. 33834/03, § 74, 11 July 2006; and Claes, cited above, §§ 94-97).*

*145. In determining whether the detention of an ill person is compatible with Article 3 of the Convention, the Court takes into consideration the individual's health and the effect of the manner of execution of his or her detention on it (see, among other authorities, Matencio, cited above, §§ 76-77, and Gülay Çetin, cited above, §§ 102 and 105). It has held that the conditions of detention must under no circumstances arouse in the person deprived of his liberty feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing him and possibly breaking his physical and moral resistance (see Selmouni v. France [GC], no. 25803/94, § 99, ECHR 1999-V). On this point, it has recognised that detainees with mental disorders are more vulnerable than ordinary detainees, and that certain requirements of prison life pose a greater risk that their health will suffer, exacerbating the risk that they suffer from a feeling of inferiority, and are necessarily a source of stress and anxiety. It considers that such a situation calls for an increased vigilance in reviewing whether the Convention has been complied with (see Sławomir Musiał v. Poland, no. 28300/06, § 96, 20 January 2009; see also Claes, cited above, § 101). In addition to their vulnerability, the assessment of the situation of these particular individuals has to take into consideration, in certain cases, the vulnerability of those persons and, in some cases, their inability to complain coherently or at all about how they are being affected by any particular treatment (see, for example, Herczegfalvy v. Austria, 24 September 1992, § 82, Series A no. 244; Aerts v. Belgium, 30 July 1998, § 66, Reports of Judgments and Decisions 1998-V; and Murray v. the Netherlands [GC], no. 10511/10, § 106, 26 April 2016).*

*146. The Court also takes account of the adequacy of the medical assistance and care provided in detention (see Stanev, cited above, § 204; Rivière, cited above, § 63; and Sławomir Musiał, cited above, §§ 85-88).* ***A lack of appropriate medical care for persons in custody is therefore capable of engaging a State's responsibility under Article 3*** *(see Naoumenko v. Ukraine, no. 42023/98, § 112, 10 February 2004, and Murray, cited above, § 105).* ***In addition, it is not enough for such detainees to be examined and a diagnosis made; instead, it is essential that proper treatment for the problem diagnosed should also be provided*** *(see Claes, cited above, §§ 94-97, and Murray, cited above, § 106), by qualified staff (see Keenan v. the United Kingdom, no. 27229/95, §§ 115-16, ECHR 2001-III, and Gülay Çetin, cited above, § 112).*

*147. In this connection, the "adequacy" of medical assistance remains the most difficult element to determine.* ***The Court reiterates that the mere fact that a detainee has been seen by a doctor and prescribed a certain form of treatment cannot automatically lead to the conclusion that the medical assistance was adequate. The authorities must also ensure that a comprehensive record is kept concerning the detainee's state of health and his or her treatment while in detention, that diagnosis and care are prompt and accurate,***

> ***and that where necessitated by the nature of a medical condition supervision is regular and systematic and involves a comprehensive therapeutic strategy aimed at adequately treating the detainee's health problems or preventing their aggravation, rather than addressing them on a symptomatic basis. The authorities must also show that the necessary conditions were created for the prescribed treatment to be actually followed through. Furthermore, medical treatment provided within prison facilities must be appropriate, that is, at a level comparable to that which the State authorities have committed themselves to provide to the population as a whole. Nevertheless, this does not mean that every detainee must be guaranteed the same level of medical treatment that is available in the best health establishments outside prison facilities*** *(see Blokhin v. Russia [GC], no. 47152/06, § 137, 23 March 2016, with further references).*
>
> *148.* ***Where the treatment cannot be provided in the place of detention, it must be possible to transfer the detainee to hospital or to a specialised unit*** *(see Raffray Taddei v. France, no. 36435/07, §§ 58-59, 21 December 2010; see also, conversely, Kudła, cited above, §§ 82-100, and Cocaign v. France, no. 32010/07, 3 November 2011).*

Applikati l-prinċipji fuq esposti għal każ odjern, jirriżulta li huwa maqbul bejn il-partijiet li l-inċident li seħħ fit-30 ta' Novembru 2012 kien inċident sfortunat fejn ir-rikorrenti tilfet għajn. Filwaqt li l-Qorti tifhem u tgħader lir-rikorrenti li kellha ssofri din l-isfortuna li bla dubju kellha effett u impatt negattiv ħafna fuq ir-rikorrenti, mill-apprezzament tal-fatti li jirrizultaw f'dan il-kaz, jirriżulta lill-Qorti li ma nġiebet ebda prova li l-intimat b'xi mod intenzjonalment wettaq u/jew ippermetta l-inċident. Ma tirrizulta lanqas ebda prova li l-inċident seħħ minħabba ommissjoni da parti tal-intimat.

Jirriżulta li l-intimat u l-uffiċjali li jaqgħu taħt ir-responsabilita` tiegħu raw li r-rikorrenti ingħatat l-kura medika neċessarja. Il-Qorti tosserva l-argument tar-rikorrenti li l-intimat u l-uffiċjali tiegħu messhom ħadu lir-rikorrenti l-isptar mal-ewwel. Jirriżulta mir-rapporti mediċi li r-rikorrenti ma kinitx konxja biss għal ftit minuti u ttieħdet mal-ewwel fiċ-ċentru tas-saħħa tal-Floriana, li ċertament ma jistax jingħad li ċ-ċentri tas-saħħa ma jgħatux il-kura neċessarja. Filfatt, it-tobba li raw lir-rikorrenti fil-Floriana Health Centre rreferewha dritt għall-Isptar Mater Dei, u jirrizulta illi t-total ta' ħin bejn meta telqu minn Ħal Far sa meta waslu l-Isptar Mater Dei kien ta' mhux aktar minn ħamsa u disgħin  minuta. Certament li dan ma jistax jitqies bħala ħin inadegwat speċjalment in vista tal-fatt li mix-xhieda tal-oftalmologu Franco Mercieca jemerġi li l-ħsara saret mal-impatt u ma kinitx aggravata b'xi dewmien bejn l-impatt u l-mument li hu nvistha ghaliex il-ħsara kienet diġa` saret. Jirriżulta wkoll li matul ix-xahar ta' wara, ir-rikorrenti ttieħdet b'mod regolari fl-isptar jew fiċ-ċentru tas-saħħa sabiex il-ferita li kellha tiġi ttrattata u għalhekk il-kura medika li kienet necessarja, jirrizulta illi ġiet segwita.

Jirriżulta wkoll li l-każ ġie riferut għand l-awtoritajiet sabiex jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom. Minn diversi xhieda jemerġi li kien hemm trapass ta' erba'  sigħat mill-ħin li seħħ l-inċident sa meta ġew infurmati l-Pulizija. Il-Qorti tqis

ferm stramb il-fatt li ħadd mix-xhieda ma rrapporta qabel u ukoll illi lanqas ma jemerġi mill-provi dokuimentali li nstab demm fejn seħħ l-inċident.

Ir-rikorrenti tallega li kien hemm tbagħbis fix-xena tal-inċident li wasal sabiex ix-xena tal-inċident ma ġietx preservata kif imiss bil-konsegwenza li l-Pulizija ma setgħatx imbagħad tagħmel investigazzjoni kif kien jixraq.

Minkejja dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax u ma tinnutax il-verżjonijiet kuntrastanti tar-rikorrenti dwar il-fatti li seħħew dakinhar tal-inċident. Mix-xhieda ta' DOS Carl Wilson jirriżulta li l-inċident kien qiegħed jiġi trattat bħala waqa` regolari sa dak il-mument fl-isptar fejn hu sema` lir-rikorrenti tgħid li kien hemm impatt ta' oġġett mitfugħ minn barra f'għajnejha u kienet propja l-komunikazzjoni mal-uffiċjal ta' fuqu dwar dak li sema` sabiex wassal biex sar rapport l-għassa. Il-Qorti tqis illi jekk r-rikorrenti tat verzjoni zbaljata, intenzjonalment jew mod iehor, allura kienet hi li zgwidat lill-awtoritajiet bil-konsegwenza tad-dewmien li kien hemm.

Il-Qorti tosserva diversi nuqqasijiet kemm fil-bdil ta' verżjonijiet tar-rikorrenti kif ukoll fin-nuqqas ta' rapportaġġ fil-*log books* fiċ-ċentru ta' detenzjoni da parti tal-intimat. Ċertament li ma kienx il-kompitu tal-intimat li jitlob Inkjesta Maġisterjali, ir-responsabbilita` tiegħu kienet li jinforma lill-Pulizija Ezekuttiva – obbligu li jirrizulta illi hu wettaq. Din il-Qorti tfakkar li hija waħda ta' kompetenza Kostituzzjonali u mhux dik Kriminali jew investigattiva u għalhekk mhuwiex il-kompitu tagħha li tinvestiga jekk l-intimat jew l-uffiċjali fir-responsabbilita` tiegħu babsux ix-xena tal-inċident, dan l-ilment kien hemm il-fora addattati fejn seta jsir, iżda ma jirrizultax illi sar. Filwaqt illi din l-Qorti tagħmilha ċara li jekk kemm -il darba seħħ dan it-tip ta' aġir, dan huwa għal kollox deplorabbli, b'dana kollu fil-każ odjern ma jirriżultawx provi f'dan is-sens, u l-Qorti tasal biex tikkonkludi, mill-ezami tal-provi mressqa, illi r-rikorrenti qed tibbaża t-teżi tagħha biss fuq supposizzjonijiet.

Il-Qorti zzid tghid illi principju stabbilit kif anke jinsab fil-***Guide on Article 3 of the European Convention on Human Rights***,[9]

> *Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of democratic societies. Indeed, the prohibition of torture and inhuman or degrading treatment or punishment is a value of civilisation closely bound up with respect for human dignity (Bouyid v. Belgium [GC], 2015, § 81).*

Ma jirrizulta xejn f'dawn l-atti illi kien hemm xi nuqqas ta' rispett lejn id-dinjita' umana tar-rikorrenti da parti tal-intimat.

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssib l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu tlieta tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

## <u>Vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>

It-tieni talba tar-rikorrenti hija sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-fatti premessi jagħtu lok għal vjolazzjoni tal-Ħames Artikolu tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

[9] First edition – 31 August 2022

Il-Ħames Artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi testwalment hekk:

*(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
*(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsabħatja minn qorti kompetenti;*
*(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għalnuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jewsabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;*
*(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persunaeffettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtoritàlegali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkunikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolmentmeħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew litaħrab wara li tkun għamlet reat;*
*(d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skont il-liġi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjonitiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti;*
*(e) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom,addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;*
*(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biexjiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta'persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għaddeportazzjoni jew għall-estradizzjoni.*

*(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih,f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet tal-arrest tiegħu u dwar kullakkuża kontra tiegħu.*

*(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandujinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għalproċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.*

*(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jewdetenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġiordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-liġi.(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens.*

Jirriżulta li l-artikolu ħamsa tal-Konvenzjoni Ewropea jirrigwarda d-dritt tal-liberta` tal-invidwu. Ma jirriżulta bl-ebda mod la mir-rikors promotur u lanqas mill-provi li r-rikorrenti b'xi mod inżammet b'mod irregolari milli tgawdi l-liberta` tagħha u lanqas ma jirriżulta ilment f'dan ir-rigward da parti tar-rikorrenti.

Il-Qorti tqis illi gahndu ragun l-intimat jissottometti illi "mhux ċar għaliex qed jiġi invokat l-imsemmi artikolu għaliex il-mertu tal-kawża ma jirrigwardax il-fatt li hi nżammet fiċ-ċentru ta' detenzjoni". Il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb.

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssib l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu ħamsa tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

**Vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**

It-tielet talba tar-rikorrenti hija sabiex din il-Qorti tiddikara li l-fatti premessi jagħtu lok għal vjolazzjoni tat-tmien (8) Artikolu tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

It-Tmien Artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi testwalment hekk:

> *(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.*

Ir-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet tagħha ssostni li l-lanjanza prinċipali fejn jidħol dan l-artikolu hija fil-fatt li meta ttieħdet l-isptar fl-istat vulnerabli li kienet. hija kienet akkumpanjata minn uffiċjal tas-sess maskili u għalhekk id-dritt tagħha għall-privatezza kien vjolat.

*Il-Guide on Article 8 of the European Convention on Human Rights* jgħid is-segwenti:

> *35. In the immigration context, during periods of mass influx of asylum-seekers and substantial resource constraints, recipient States should be entitled to consider that it falls within their margin of appreciation to prioritise the provision of Article 3 protection to a greater number of such persons over the Article 8 interest of family reunification of some (M.A. v. Denmark [GC], §§ 145-146).*

*36. The Court has stated that when a measure falls short of Article 3 treatment, it may nevertheless fall foul of Article 8 (Wainwright v. the United Kingdom, § 43, as regards strip-search). In particular, conditions of detention may give rise to an Article 8 violation where they do not attain the level of severity necessary for a violation of Article 3 (Raninen v. Finland, § 63). The same would apply to verbal abuse without physical violence (see the situations in Association ACCEPT and Others v. Romania, §§ 55-57 and § 68, or in F.O. v. Croatia, § 53 as regards harassment at school). The Court has frequently found a violation of Article 3 of the Convention on account of poor conditions of detention where the lack of a sufficient divide between the sanitary facilities and the rest of the cell was just one element of those conditions (Szafrański v. Poland, §§ 24 and 38). In Szafrański v. Poland, the Court found that the domestic authorities failed to discharge their positive obligation of ensuring a minimum level of privacy for the applicant and had therefore violated Article 8*

*where the applicant had to use the toilet in the presence of other inmates and was thus deprived of a basic level of privacy in his everyday life (§§ 39-41).*

Fil-każ odjern ma jirriżulta bl-ebda mod li r-rikorrenti soffriet nuqqas ta' privatezza unikament bil-fatt li min akkumpanjaha lejn l-isptar kien raġel, speċjalment in vista tal-fatt li mix-xhieda tal-istess uffiċjal Carl Wilson jemerġi b'mod ċar li għalkemm kien magħha, meta kienet qegħda tiġi invistata hu qagħad ħdejn il-bieb. Barra minn hekk, anke meta kienu fil-vann jidher ċar li kien hemm terza persuna magħhom u ċioe s-sewwieq. Ulterjorment, mix-xhieda tal-Ispettur Carol Fabri jirriżulta li kien hemm mara (imigranta) oħra li qed takkumpanja lir-rikorrenti u li kienet qed tagħmilha wkoll ta' interpretu.

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssib l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu tmienja tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat, tilqa' l-bija tal-eccezzjonijiet tieghu u ticħad it-talbiet kollha rikorrenti.**

**Spejjeż kollha jitħallsu mir-rikorrenti.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**